**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru:**
**1053/2024/GG fl-ismijiet:**

**Ballut Blocks Limited**

**vs.**

**Emanuel sive Noel Zammit**

Illum 16 ta' Lulju, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' Ballut Blocks Limited ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 2024 li bih talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izomm lill-intimat milli personalment, jew tramite haddiema jew kuntratturi nkarigati, jaghmel, iwettaq, u/jew jissokta kwalunkwe xoghol ta' kostruzzjoni, demolizzjoni, skavar, thaffir u jew xort'ohra ta' tqatiegh gewwa s-sit 24, Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar (is-"Sit") u/jew li b'xi mod jezegwissi l-permess Numru PA/0436/22 jew kwalunkwe permess iehor mahrug mill-

Awtorita' tal-Ippjanar rigward l-istess Sit, sakemm ma jirripristinax s-Sit b'tali mod illi jirrispetta d-distanza ta' 76 cm bejn il-proprejta' tal-intimat u l-proprjeta' tar-rikorrenti;

Rat d-digriet taghha tal-istess jum li bih laqghet it-talba provvizorjament, ordnat in-notifika b'sebat ijiem (7) zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghad-9 ta' Lulju, 2024 fin-12.30pm;

Rat illi l-intimat ta ruhu b'notifikat bir-rikors promutur, bl-appuntament tas-smiegh u bid-digriet provizorja fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2024;

Semghet lill-intimat bil-gurament fejn ikkonferma li mhux fi hsiebu jibni f'distanza ta' inqas minn 76 centimentru u kkonferma li kien fil-fatt gia hammel taht il-hajt divizorju li jizqsam il-porpretajiet tal-partijiet;

Semghet id-dikjarazzjoni kongunta tad-difensuri tal-partijiet kif registrata fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2024 li tghid hekk:

> *L-Avukat Stephen Muscat u l-Avukat David Bonello konguntivament jiddikjaraw li hemm qbil li l-mandat t'inibizzjoni odjern jintlaqa' definittivament u hlief ix-xogholijiet rimedjali u ta' riprestinazzjoni kif rakkomandat mill-Prof' torpiano li rrilaxxa r-rapport li ghadu kif gie*

*esebit. L-istess mandt jibqa' fis-sehh sakemm l-intimat jwettaq ix-xogholijiet rimedjali u ta' ripristinazzjoni meta l-Prof. Torpiano jiccertifika li dawn ix-xogholijiet jkunu twettqu kollha u salv l-investigazzjonijiet mehtiega kif rapportat mill-istess perit biex dawn ix-xogholijiet jsiru, s-socjeta' tnehhi l-mandat t'inibizzjoni odjern fi zmien tlett ijiem.*

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tad-9 ta' Lulju, 2024 u tal-15 ta' Lulju, 2024 u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi r-rikors thalla ghad-digriet *in camera*;

Ikkunsidrat:

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li dan il-mandat ghandu jintlaqa' ghaliex bhala fatt jirrizulta dak allegat mis-socjeta' rikorrenti b'dan illi x-xogholijiet lamentati saru minhabba necessita' kif interpretata mill-intimat u li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jcahhad lis-socjeta' rikorrenti mid-drittijiet taghha;

Illi minkejja dan, l-Qorti xorta wahda ezaminat il-fatti mill-ottika tar-rekwiziti ghal-hrug ta' mandat t' inibizzjoni f'cirkostanzi konsimili u jidrilha li huma prezenti l-elementi li juru l-htiega ta' preservazzjoni tal-jeddijiet tar-rikorrenti b'mod illi c-cahda tal-mandat tkun tissarraf fi pregudizzju. Oltre dan l-Qorti hija sodisfatt fuq bazi *prima facie* li r-rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet x'tikkawtela;

Illi, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis li mhux mehtieg stharrig aktar approfondit tal-fatti;

**Decide:**

**Ghalhekk wara li rat l-atti kollha tar-rikors u semghet lill-partijiet, billi jirrizultalha li kien pruvat *prima facie* il-jedd vantat mis-socjeta' rikorrenti u li jezistu l-elementi mehtiega ghal-hrug tal-mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimat kif dedotta fir-rikors promutur u tikkonferma l-ordni provizzorja taghha tal-25 ta' Gunju, 2024, bl-ispejjez kontra l-intimat.**

___________________________

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

___________________________

Nicole Cini

Deputat Reġistratur